MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 108/2013

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A tal-Kapitolu 12**
**tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1818/2012 fl-ismijiet:**

**Vodafone Malta Limited [C10865]**

**vs**

**Nathan Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Nathan Darmanin fil-15 ta' April 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn ippremetta:

1. *"Illi l-prezenti hu rikors arginat fuq l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li qed jikkwerela bhala ineffikacji, nulla u bla ebda effett l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Vodafone Limited vs. Nathan Darmanin" mahruga fit-3 ta' Settembru, 2012 in virtú ta' l-Artikolu 166A ta' l-imsemmi*

*Kodici. Ghaldaqstant qed jitressaq dan ir-rikors ghar-rexxissjoni ta' l-istess titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà Vodafone Malta Limited.*

2. *Illi l-kronologija fattwali fl-isfond tal-vertenza odjerna, tista' tigi migbura hekk:*

a. *Fit-3 ta' Settembru, 2012 inharegt ittra ufficjali fl-ismijiet "Vodafone Malta Malta Limited vs. Nathan Darmanin" ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ggib in-numru 1818/2012;*

b. *Ghalkemm imwassla fl-indirizz residenzjali ta' l-esponenti, ma hemmx indikata d-data tan-notifika taghha, la fuq il-"pink card" tas-servizzi postali u anqas fuq ir-riferta ta' l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti (marixxall), li fil-fatt taqra "no date" f'dik il-parti rizervata ghall-indikazzjoni tad-data tan-notifika;*

c. *Fit-23 ta' Ottubru, 2012 tali ittra ufficjali giet reza ezekuttiva;*

d. *Fis-27 ta' Frar, 2013 Vodafone Malta Limited intavolat mandat ezekuttiv ta' sekwestru kontra l-odjern esponenti u l-istess gie debitament notifikat lis-sekwestratarji li huma indikati fih (data notifika tal-5 ta' Marzu, 2013), izda mhux lill-esponenti hekk kif tevidenza r-riferta relattiva fuq tali mandat;*

e. *Fit-18 ta' Marzu, 2013 HSBC Bank (Malta) Limited iddepozita l-ammont ta' €461.59c tramite cedola ta' depozitu numru 541/2013;*

f. *Sussegwentement, fit-8 ta' April, 2013 HSBC Bank (Malta) Limited rega' ghadda biex iddepozita l-ammont bilancjali ta' €1,035.83c tramite cedola ta' depozitu numru 644/2013;*

g. *Illum-il gurnata hemm depozitata taht l-awtorità gudizzjarja c-cifra komplessiva ta' €1,497.42c, precizament dik domandata mis-sekwestrant.*

3. *Spjegat l-itinerarju fattwali li wassal ghall-otteniment tat-titolu ezekuttiv (ittra ufficjali 166A) u konsegwenti att ezekuttiv (mandat ta' sekwestru) su-riferiti, issa l-esponenti ser ighaddi biex jiddelinea ahjar ghaliex qed jikkwerela l-effikacja u l-validità tat-titolu ezekuttiv imsemmi bl-osservazzjonijiet infraskritti.*

4. *Jibda' biex jinghad illi skond l-Artikolu 166A(2) tal-kodici ritwali, "Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament,* ***<u>li għandha tiġi notifikata lid-debitur</u>*** *fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."*

5. *Skond l-Artikolu 166A(4), "Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum* ***<u>minn notifika tagħha lid-debitur</u>****, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a)."*

6. *Illi l-esponenti jirrileva illi* ***<u>l-ittra ufficjali</u>*** *fuq imsemmija (nru. 1818/2013) qatt ma setghet tigi reza ezekuttiva stante illi* ***<u>ma tindikax meta l-istess giet precizament notifikata lid-debitur</u>****, hawn esponenti. Ir-riferta, bazata fuq l-informazzjoni rizultanti mill-"pink card" tas-servizz postali, ssemmi biss li fl-10 ta' Settembru, 2012 l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti (marixxal) attesta li f'***<u>data injota</u>*** *("no date") id-debitur kien gie notifikat.*

7. *Illi hija l-kontenzjoni ta' l-esponenti li l-ligi tirrikjedi d-debita notifika ta' l-ittra lid-debitur u mhux prassi nterna li tattesta li f'xi data injota wara l-intavolar ta' l-ittra ufficjali*

*u qabel l-attestazzjoni tal-ufficjal ezekuttiv tal-qorti (marixxal), l-istess ittra giet imwassla lir-recipjent/destinatarju. Il-lokuzzjoni tal-ligi trid ic-certezza tan-notifika ta' atti gudizzjarji, aktar u aktar meta hawnhekk qed nitkellmu fuq procedura specjali, sommarja u ad hoc (Artikolu 166A) li f'qasir zmien taf tirrizulta f'titolu ezekuttiv enforzabbli minghajr ebda smigh jew instawrament ta' kontradittorju quddiem gudikant.*

8. *Illi jokkorri hawnhekk li jsiru ftit riljevi in sostenn tat-tezi ta' l-esponenti, u cioé:*

i. *Illi l-Artikolu 101 tal-Kodici ta' Procedura Civili jghallem illi, "Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, illi l-mixi tiegħu jiddependi minn att li għandu jkun innotifikat jew ippubblikat, jibda miexi minn dak in-nhar li fih l-att jiġi* ***regolarment innotifikat*** *jew ippubblikat."*

ii. *Illi l-Artikolu 890 tal-Kodici ta' Procedura Civili jistatwixxi li, "Il-protest jew l-ittra uffiċjali jibdew iseħħu minn dak* ***in-nhar tan-notifika****."*

iii. *Illi skond l-Artikolu 1009 tal-Kodici ta' Procedura Civili, sfortunatament ta' spiss dimentikat, jippreskrivi li, "Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett".*

iv. *Illi kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita (****Pace Associates Ltd vs. Drawing Techniques Ltd****, Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005; ara wkoll* ***Michele Parnis vs. Carmelo Caruana noe****, Appell Superjuri, 23 ta' Gunju, 1952; u* ***Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace noe****, Appell Superjuri, 15 ta' Ottubru, 1965).*

v. *Illi fis-sentenza* ***Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro vs. Prof. Edwin J. Costanzi noe*** *(Appell Superjuri, 14 ta' Awissu, 1975; mhux pubblikata) nsibu*

*ritenut li, "l-ebda prattika ghalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa disposizzjoni tal-ligi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-ligi " u "l-ebda prattika ma tista' thassar dak li l-ligi tiddisponi." Dan hu taghlim konsonu mal-Artikolu 1009 sovra citat.*

vi. *Il-**Qorti ta' Kassazzjoni Civili** Taljana (cass. civ. nru. 1 tas-27.02.1999) sostniet illi, "la notificazione di una sentenza la cui relata [cioé, r-riferta], per la totale illegilibilità della parte stampigliata, indichi solo la data e i nomi del destinatario e del domiciliatario, non é idonea a far decorrere il termine breve di impugnazione, non consentendo di verificare a richiesta di quale soggetto e con quali precise modalità la notificazione sia stata eseguita " (cfr. **Barbara Cusato**, "La Notificazione Degli Atti Civili, Penali, Amministrativi e Tributari", CEDAM 2008; p.30). Jekk dan hu hekk dwar l-illegibilità tat-timbru u l-karattri tieghu, ahseb u ara kemm ghandu jkun applikabbli meta hemm l-kompleta omissjoni tad-data ta' notifika ta' l-att gudizzjarju relattiv.*

vii. *L-istess Qorti estera (f'cass. civ. nru. 7660 tal-21.04.2004, f'cass. civ. nru. 6643 tat-18.07.1997, f'cass. civ. nru. 8958 tal-11.09.1997 u f'cass. civ. nru. 9321 tad-19.09.1997) sostniet illi, "perché la relazione di notificazione di un atto esista e sia valida non é necessario che il suo contenuto sia redatto in forma autografa personalmente dall'ufficiale giudiziario, essendo, invece, sufficiente che questi attesti, mediante la sua sottoscrizione, l'attività compiuta e, particolarmente, la data di essa, nonché la persona alla quale ha consegnato la copia ed il luogo della consegna; indicazioni queste che, pertanto, ben possono essere riportate mediante scritturazione meccanica, anche con formula già predisposta ad opera della parte dalla quale l'attività stessa é stata richiesta e parzialmente da completare o mediante l'uso di timbri sia per la formula da completare che per la data" (cfr. **Cusato**, op.cit., p.40).*

viii. *Il-**Qorti ta' Kassazzjoni Civili** Taljana (cass. civ. nru. 2079/2008 u cass. civ. nru. 9337/2009 u cass. civ. nru. 1206/2011) sostniet ukoll li anke fil-kaz li n-notifika tigi*

*ezegwita bil-mezz tas-servizz postali, id-deficjenza tar-riferta "comporta la nullità della notifica perché la relata [riferta] é prevista come momento fondamentale nell'ambito del procedimento di notificazione sia dal codice di rito che dalla normattiva speciale e non é integralmente surrogabile dall'attività dell'ufficiale postale, sicché la sua mancanza, anche nella notificazione a mezzo del servizio postale, non può essere ritenuta una mera irregolarità " (cfr.* ***Paola Locchi***, *"La Notificazione Degli Atti Tributari", Maggioli Editori 2011, 4ª edizione; p.128);*

ix. *L-istess imsemmija Qorti (cass. civ. nru. 1131.2004, cass. civ. nru. 2968/2000 u cass. civ. nru. 1140/1996), osservat illi in tema ta' notifika ta' atti gudizzjarji, "esse possono essere validamente eseguite anche in altre forme equipolenti,* ***sempreché risulti la certezza****, per effetto dell'attività della cancelleria, dell'effettiva presa di conoscenza, da parte del destinatario della notizia da comunicare, e* ***della data in cui tale comunicazione é avvenuta****, e sempreché sia egualmente certo che l'atto ha raggiunto il suo scopo " (cfr.* ***F. Carpi*** *u* ***M. Taruffo****, "Commentario Breve al Codice di Procedura Civile" CEDAM 2006, p.764);*

x. *B'mod aktar specifiku inghad (cass. civ. nru. 2956/1994 u cass. civ. nru. 12555/1991) illi, "L'omissione da parte dell'ufficiale postale delle formalità di avviso é causa di inesistenza della notificazione. Anche la mancata menzione, nell'avviso di ricevimento, dei motivi del deposito presso l'ufficio postale rende inesistente la notifica, anchorché il piego sia stato restituito con l'indicazione «non reclamato»" (cfr.* ***F. Carpi*** *u* ***M. Taruffo****, op. cit., p.798);*

9. *Illi t-taghlim legali, gurisprudenzjali u dottrinali su-espost juri kemm hija mportanti li l-procedura ta' notifikazzjoni ta' att gudizzjarju – partikolarment ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A – tigi segwita ad unguem u li l-istess tkun turi l-kundizzjonijiet u elementi kollha validi ghall-effikacja u validità taghha.*

10. *Illi fil-kaz odjern ghandna presunzjoni li din twasslet, izda ma hemm l-ebda data ta' meta effettivament sehhet il-konsenja ta' l-ittra ufficjali lid-debitur, hawnhekk esponenti. Ghalkemm hemm firma fuq "Firma tad-Destinatarju" u fuq "Firma ta' l-Ufficjal tal-Posta" u numru ta' dettalji ohra fuq il-"pink card", jibqa' l-fatt fuqha m'hemm l-ebda data ta' meta l-att gudizzjarju gie debitament imwassal. Anqas il-kazella/kaxxa biswit «L-oggett fuq imsemmi gie mqassam» ma hija mmarkata sabiex tattesta li l-att gudizzajrju gie mqassam. Dawn l-omissjonijiet ma jistghux jigu sorvolati u jghaddu qisu xejn m'hu xejn.*

11. *Illi r-riferta ta' l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti (marixxal) tindika data li fiha hu attesta r-ritorn tal-"pink card" izda mhux d-data ta' l-effettiva notifika. Hawnhekk wiehed jaghmel rikjam ghas-senjalazzjonijiet maghmula fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (v) tal-paragrafu 8 supra u jigi ribadit li l-ligi tirrikjedi li tali ittra ufficjali tigi reza ezekuttiv wara d-dekors ta' certu zmien li jiddekorru, mhux mill-attestazzjoni ta' l-ufficjal exekuttiv tal-qorti (marixxal), izda, kif ighid u jrid l-Artikolu 166A(3),* ***<u>min-notifika</u>*** *taghha, ossia "fi żmien tletin jum mindu [d-debitur] jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali."*

12. *Kosegwentement, jekk l-ittra ufficjali hija mplicitament nulla u bla ebda effikacja guridika kif fuq delinejat, jigi illi kull att sussegwenti ghaliha huwa wkoll inficjat u bla ebda effett. Dan hu s-sens ta' l-Artikolu 98 tal-kodici ta' rit procedurali taghna li jiddisponi illi, "L-atti gudizzjarji, maghmulin bis-sahha ta' att null jew li gejjin minn att null, huma wkoll nulli." Fuq tali dispost tal-ligi l-gurisprudenza patria hija alkwantu siekta (eccetto wahda), izda d-duttrina forensi hi kopjuza u b'ezemplari jigu mislufa s-segwenti senjalazzjonijiet:*

*i. "… la nullità di un atto porta seco quella di tutti gli atti consecutivi che da esso dipendono, cioè, che abbiano con quello un nesso logico e giuridico, perchè in tal caso manca a questi ultimi il valido presupposto della loro esistenza." ("**Il Digesto Italiano**", UTET 1905; Vol.XVI – vuci: "nullità degli atti di procedura", p.534);*

*ii. "Essendo il processo costituito da una serie di atti, congiunti fra loro da nesso logico e giuridico, giova distinguere tra quelli che precedettero l'atto annullato e quelli che per avventura l'abbiano susseguito. Cancellata, per virtù dell'annullamento, la esistenza dell'atto viziato, quelli che precedettero non subiscono veruna diretta conseguenza. Una ripercusione indiretta talvolta ne ricade anche sopra di essi; imperocchè, se l'atto nullo non potesse essere rinnovato per la scadenza del termine pperentorio, l'impedita rinnovazione toglierà forse agli altri atti anteriori la idonietà a produrre effetto utile. Ma non per questo essi diventano nulli nel senso legale. Invece,* ***il vizio della nullità si comunica agli atti consecutivi****." (***Lodovico Mortara****, "Commentario del Codice e Delle Leggi di Procedura Civile", 3[a] ed.; Vol.II, §641 p.820);*

*iii. "La nullità di un atto non trascina quella degli altri atti antecedenti o susseguenti, che non abbiano un'intima relazione fra loro." (***Pisanelli****,* ***Scialoja*** *u* ***Mancini****, "Comentario del Codice di Procedura Civile", Napoli 1875; Vol.I, §717 p.468). F'dan il-kaz il-mandat ezekuttiv u bazat fuq l-ittra ufficjali 166A u c-cedoli ta' depozitu huma konsegwenza ta' l-istess mandat ezekuttiv. Ergo, il-mandat u c-cedoli huma bla ebda effett ghax l-ittra ufficjali 166A hi deficjenti kif fuq spjegat u allura "quod nullum est, nullum producit effectum";*

*iv. "Hu del resto principju rikonoxxut fil-kamp civili u accettat bhala wiehed logiku guridiku illi n-nullità tolqot l-att li jkun sar u l-atti l-ohra successivi ghalih izda mhux ukoll li dik l-istess nullità tigi trasmessa ghal dawk l-atti l-ohra anterjuri ghax dawn ghandhom jibqghu jikkonservaw l-identità formali u specifika taghhom u, ukoll, l-effetti guridici awtonomi li jinzlu minnhom. Li jfisser, allura illi ma jkunx hemm lokha r-rinnovazzjoni ta' dak l-att mhux milqut minn nullità " (***Charles Vella noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud****, Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009; mhux pubblikata).*

13. *Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tirrexxindi l-ittra ufficjali fuq imsemmija u tiddikjarha*

*bhala nulla u bla ebda effett u dan ghaliex l-esponenti, ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; u/jew ghaliex l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3), senjatament ma hemmx data preciza u inekwivoka ta' meta din waslet ghand l-istess esponenti [Artikolu 166A(5)(i)(ii)].*

14. *F'dan l-istadju, jkun opportun li jigi rimarkat illi skond* ***François Laurent*** *("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare.* ***Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge*** *" [enfazi mizjuda]. L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha inghad illi, "Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge,* ***essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia*** *" (ibid. p.52; enfazi mizjuda).*

15. *Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza fl-ismijiet* ***Neg. John Coleiro ne vs. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et*** *(Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957). Fiha nghad hekk: "Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la*

*legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236)." Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-awtur* ***Foramiti****, li jsostni, inter alia, illi, "i sudditi hanno l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a)."*

16. *Dan kollu qed jinghad sabiex kwalsiasi permissivizmu zejjed fl-applikazzjoni u fl-utilizz ta' l-ghodod procedurali jigi indirizzat u gudizzjarjament radrizzat.*

***Ghaldaqstant****, l-esponenti, Nathan Darmanin, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha, ghall-motivi sovra esposti u ghal dawk li talvolta jafu jigu sottomessi fis-smigh ta' dan ir-rikors,*

*I. thassar, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi l-ittra ufficjali bin-numru 1818 tas-sena 2012 datata 3 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet "Vodafone Malta Limited vs. Nathan Darmanin" mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u konsegwentement,*

*II. ai termini ta' l-Artikolu 98 ta' l-istess menzjonat Kodici, tiddikjara bhala ineffikacji, bla effett u null kull att gudizzjarju iehor sussegwenti msejjes fuq tali ittra ufficjali, senjatament il-mandat ezekuttiv ta' sekwestru bin-numru 496/2013 u c-cedoli ta' depozitu bin-numri 541/2013 u 644/2013,*

***bl-ispejjez*** *kontra s-socjetà intimata, b'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponenti kontra l-istess socjetà."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimate Vodafone Malta Limited li giet prezentata fit-22 ta' April 2013 fejn eccepiet:

*1. "ILLI, fl-ewwel lok, it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti Nathan Darmanin huma irriti u nulli u sempliciment intizi sabiex jivvessaw lis-socjeta' esponenti fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv validament u legittimament ottenut minnha fil-konfront tal-istess debitur u dan stante illi jirrizulta bl-iktar mod car u ampju illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri kif trid u kif titlob il-ligi procedurali taghna. Ghalhekk l-istess talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih.*

*2. ILLI r-rikorrenti jghid illi r-rikors teighu huwa arginat fuq l-Art. 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li, ghaldaqstant, intavola l-proceduri odjerni ghar-rexissjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta' Vodafone Malta Limited fil-konfront tieghu.*

***<u>Ir-rikors odjern tressaq fuori termine</u>***

*3. ILLI, preliminarjament, jigi rilevat illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddezisti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti, kif kontenuti fir-rikors tieghu, u dan stante illi <u>tali rikors gie intavolat wara illi kien diga' ddekorra u skada t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata kontemplat fl-Artikolu 166(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,</u> liema provvediment jistipula:*
*"Titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qori tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz,* ***li tigi pprezentata mid-debitur fi <u>zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta'</u> xi mandat ezekuttiv <u>jew xi att gudizzjarju iehor msejjes fuq dak it-titolu</u>,*** *il-qorti tkun sodisfatta:*

*i. Li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*ii. Li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)*

*B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigu [sic] appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn. [sottolinear u enfasi tas-socjeta' esponenti]*

*4. ILLI, ghaldaqstant, sabiex jintavola l-proceduri odjerni ai termini tal-istess provvediment tal-Ligi, r-rikorrenti kellu **ghoxrin gurnata**:*

*i. Minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv; jew*

*ii. Minn xi att gudizzjarju iehor msejjes fuq dak it-titolu;*

*5. ILLI din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, diga' kellha okkazjoni tghid – b'referenza ghall-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 – li "[m]inn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullita' ta' titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi istitwita fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor bbazat fuq dak it-titolu".*

*6. ILLI dan qed jinghad in vista tas-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*i. Ir-rikorrenti jghid fir-rikors tieghu illi huwa ma giex notifikat b'kopja tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 496/13. Ir-rikorrenti jsemmi ukoll illi "[f]it-18 ta' Marzu, 2013 HSBC Bank (Malta) Limited iddepozita l-ammont ta' €461.59c tramite cedola ta' depozitu numru 541/2013". Naturalment, izda, r-rikorrenti, u ghal ragunijiet li huma ovvji fl-ispjegazzjoni tieghu tal-"kronologija fattwali fl-isfond tal-vertenza odjerna", ma jsemmix illi, skond ir-riferta relattiva, huwa **gie notifikat b'kopja tal-istess cedola nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013)**, liema kopja ffirmat ghaliha Josephine Darmanin, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru '754859(M)' (ara d-dokument hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. VF 3'**).*

*ii. Huwa car illi, ai termini tas-sucitat Artikolu 166A(5) tal-Kap 12, in-notifika ta' kopja ta' din ic-cedola lir-rikorrenti, tikkwalifika bhala "l-ewwel notifika" li saritlu ta' "att gudizzjarju iehor" imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv kontestat. Huwa car u ovvju li c-cedola ta' depozitu bin-numru 541/2013 saret bis-sahha tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 496/13.*

*iii. Kif jirrizulta mit-timbru tal-prezentata relattiva, ir-rikorrenti intavola r-rikors tieghu nhar* ***il-hmistax (15) ta' April, 2013*** *u cioe'* ***erbgha u ghoxrin (24) gurnata wara li huwa kien gie notifikat bic-cedola surreferita.***

*Ghaldaqstant, u minghajr pregudizzju ghall-argumenti l-ohra kollha hawn taht esposti, huwa car li r-rikorrenti intavola r-rikors tieghu tardivament wara li kien diga' iddekorra t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata stipulati fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 u, ghaldaqstant, ir-rikorrenti ddekada mill-possibilita' illi jitlob ir-rexissjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta' esponenti fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, huwa car illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddezisti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti u tichadhom bl-ispejjez kollha kontrih.*

***It-talbiet, kif maghmulha, ma humiex legalment sostenibbli***

*7. ILLI ghar-rigward tat-talbiet maghmulha mir-rikorrenti, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ghad irid jinghad aktar l-isfel f'din ir-risposta, dawn ukoll ma jistghux jintlaqghu legalment minn din l-Onorabbli Qorti, u dan, ghas-semplici fatt li* ***r-rikorrenti stess jintesta r-rikors promotur bil-mod segwenti: "Rikors ta' Nathan Darmanin [K.I. nru. 8288M] ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)."***

*8. ILLI, mill-istess rikors, jirrizulta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma tnejn:*

i. *thassar, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi l-ittra ufficjali bin-numru 1818 tas-sena 2012 datata 3 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet "Vodafone Malta Limited vs. Nathan Darmanin" mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u konsegwentement,*

ii. *ai termini ta' l-Artikolu 98 ta' l-istess menzjonat Kodici, tiddikjara bhala ineffikacji, bla effett u null kull att gudizzjarju iehor sussegwenti msejjes fuq tali ittra ufficjali, senjatament il-mandat ezekuttiv ta' sekwestru bin-numru 496/2013 u c-cedoli ta' depozitu bin-numri 541/2013 u 644/2013,*

9. *ILLI l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif diga rajna, jghid testwalment hekk:*

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*

10. *ILLI minn qari, anke semplici, ta' dan l-artikolu, ghandu jirrizulta li huwa biss it-titolu ezekuttiv li jista' jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett,* ***u mhux l-ittra ufficjali nfisha,*** *kif qieghed jitlob ir-rikorrenti. Din l-Onorabbli Qorti, jinghad bid-dovut rispett, hija prekluza*

*milli "thassar, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi l-ittra ufficjali", u dan stante illi l-ligi ma taghtihiex dik il-fakulta'. L-unika fakulta' li, tabilhaqq, taghtiha l-ligi hija dik li Hi tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett titolu ezekuttiv li jkun inkiseb skont id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A u 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din it-talba, effettivament, ma saritx mir-rikorrenti u, ghal din ir-raguni wkoll, ir-rikors tieghu, kif inhu, ghandu jigi michud. Jekk ir-rikorrenti jipprova jargumenta li t-tieni talba tieghu tissodisfa dan ir-rekwizit, is-socjeta' intimata taghmel referenza ghall-kelma uzata mill-istess rikorrenti wara l-ewwel talba, u cioe' l-kelma "**konsegwentement**", li tfisser li t-tieni talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba, li, kif diga rajna, ma hijiex legalment sostenibbli.*

***<u>Il-mertu</u>***

11. *ILLi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghall-argumenti tar-rikorrenti rigwardanti nuqqasijiet relatati man-notifika tal-ittra ufficjali mertu tal-proceduri odjerni, jigi rilevat illi, ghalkemm jirrizulta illi d-data tat-tqassim tal-ittra ufficjali in kwistjoni, effettivament, ma tnizzlitx mill-ufficjal tal-posta fuq il-'pink card' relattiva, dan bl-ebda mod ma jnaqqas mill-fatt illi, hekk kif jirrizulta mill-partikolaritajiet l-ohra tal-istess dokument, din l-ittra ufficjali, fil-verita', giet notifikata fir-residenza registrata tar-rikorrenti (ara l-kopja tal-estratt mill-ahhar registru elettorali hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. VF 1**'), u dan <u>skond id-dettami tal-Artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>.*

12. *ILLI r-rikorrenti jimplika li dan in-nuqqas da parti tal-ufficjal tal-posta tista' ssarraf fi prova "**li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss;**" (skond dak provdut fl-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan sabiex jipprova jillegittima t-talbiet tieghu. Ma' dan ir-ragunar ma hemmx qbil, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*i. Mid-dettalji riportati fuq il-'pink card' relattiva, jirrizulta illi l-ittra ufficjali in kwistjoni giet konsenjata lil certu '[Neil'] Darmanin, detentur tal-karta ta'*

*identita' bin-numru 485295(M), liema persuna ffirmat u accettat in-notifika tal-istess ittra ghan-nom tar-rikorrenti Nathan Darmanin;*

ii. *Huwa car illi tali notifika tissodisfa r-rekwiziti tal-Artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif hawn fuq spjegat;*

iii. *In segwitu ghal tali notifika, l-'pink card' giet ritornata fl-ufficju centrali tal-posta sabiex tintbaghat fir-registru tal-Qrati, u dan kif jirrizulta mit-timbru relattiv datat hamsa (5) ta' Settembru, 2012;*

iv. *Galadarba din il-'pink card' giet ritornata lill-ufficjal ezekuttiv tal-Qrati (il-Purtier Carmel Farrugia) nieqsa mid-data preciza ta' meta l-ittra ufficjali giet mqassma fir-residenza tar-rikorrenti, naturalment, l-istess purtier seta' jindika biss id-data ta' meta thejjiet ir-riferta relattiva;*

v. *Fil-fatt,* ***nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-istess purtier iccertifika illi r-rikorrenti kien gie notifikat skond il-ligi,*** *u dan billi ffirma r-riferta relattiva. Naturalment, tali data hija posterjuri ghad-data ta' meta tali ittra, effettivament, giet imqassma fl-indirizz indikat ghal dan l-iskop;*

vi. *Fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrenti, hija minn din l-ahhar data, u cioe' mill-10 ta' Settembru, 2012, li beda jiddekorri t-terminu ta' tletin (30) gurnata li fiha huwa kellu jipprezenta n-nota ta' oppozizzjoni tieghu skond il-Ligi;*

vii. *Fil-fatt, l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri giet* ***reza ezekuttiva nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, 2012,*** *cioe' circa xahar u nofs wara t-thejjija tar-riferta relattiva mill-purtier inkarigat u, naturalment, ferm wara l-iskadenza tat-terminu statutorju ta' tletin (30) gurnata ghall-prezentata ta' risposta fl-atti tal-istess ittra kif titlob il-ligi;*

*viii. Ghaldaqstant, huwa car illi, minkejja li debitament notifikat, ir-rikorrenti halla t-terminu statutorju ta' tletin (30) gurnata jiskadi inutilment minghajr ma prezenta risposta fl-atti tal-ittra ufficjali in kwistjoni sabiex jikkontesta l-pretensjoni hemm reklamata;*

13. *ILLI, ghalhekk, anke jekk huwa minnu li ma hemmx indikata d-data fir-riferta relattiva meta l-ittra ufficjali giet imqassma fid-dar residenzjali tar-rikorrenti, ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li din l-ittra ufficjali waslet ghand ir-rikorrenti u li l-istess rikorrenti baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' oppozizzjoni ghaliha fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tat-timbru tal-purtier (10 ta' Settembru, 2012). L-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva fit-23 ta' Ottubru, 2012 u allura, meta kien diga' skada t-terminu statutorju ta' tletin (30) gurnata.*

14. *ILLI r-rikorrenti jghaddi biex jiccita sentenza moghtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fil-paragrafu numru 8(ix) tar-rikors tieghu. Huwa filfatt jghid hekk:*

*"L-istess*

*eseguite anche in altre forme equipolenti, **<u>sempreché risulti la certezza</u>**, per effetto dell'attività della cancelleria, dell'effettiva presa di conoscenza, da parte del destinatario della notizia da comunicare, e **<u>della data in cui tale comunicazione é avvenuta</u>**, e sempreché sia egualmente certo che l'atto ha raggiunto il suo scopo" (cfr. **F. Carpi** u **M. Taruffo**, "Commentario Breve al Codice di Procedura Civile" CEDAM 2006, p.764);"*

15. *ILLI **<u>l-istess rikorrenti JAMMETTI li huwa rcieva din l-ittra ufficjali 166A fir-rikors tieghu intavolat quddiem din il-Qorti</u>**. Fil-fatt fil-paragrafu 2(b) tar-rikors tieghu huwa jghid "**[g]halkemm imwassal fl-indirizz residenzjali ta' l-esponenti**". Mela ghalhekk, ir-rikorrenti qieghed jammetti li huwa rcieva din l-ittra ufficjali, izda, peress li ma hemmx indikat id-data ta' meta rcevieha allura huwa qisu ma rcieva xejn! Dan huwa biss sofizmu legali u xejn aktar. Ir-rikorrenti qieghed jipprova jahrab mill-obbligi legali tieghu billi jargumenta li, minhabba l-fatt li l-purtier jew l-ufficjal tal-posta ma kitibx*

*id-data ta' meta huwa rcieva din l-ittra, allura huwa ma rcieva xejn. Dan l-agir irresponsabbli da parti tar-rikorrenti ma ghandhiex tippermettih din l-Onorabbli Qorti.*

16. *ILLI s-socjeta' intimata ma tistax ma tinnotax li r-rikorrenti qieghed jipprova jiggranfa ma teknikalitajiet zejda li ma jwasslu ghal xejn hlief biex jigi stultifikat il-kuncett ta' gustizzja. Hawnhekk jizdied illi:*

*"il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjeta u dinjita taghha, ghandha sservi ta' strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u aridita li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilita u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi"*

17. *ILLI, f'dan l-isfond, tista' ssir referenza ghat-taghlim riportat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri, moghtija nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) dwar il-validita ta' notifiki li jsiru minn ufficjali tal-posta, fl-ismijiet* ***Maltacom p.l.c –vs- Emanuel Vella:***

*"Ir-riferta hi d-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal inkarigat biex tissodisfa lill-Qorti dwar il-verifika tal-fatt illi l-att ikun gie jew ma giex notifikat skond kif l-ufficjal ezekutur ikun dirett u wkoll biex tigi accertata l-identita' tal-persuna li f'idejha tkun giet fdata l-kopja tal-att li kellu jigi notifikat. Il-Qorti tinnota li dawn ir-rekwiziti jimponu fuq l-ufficjal ezekutur l-oneru ta' liema dettalji kellu jassigura li jkun hemm fir-riferta biex il-Qorti tkun f'posizzjoni tasal ghall-gudizzju illi n-notifika tkun verament saret.* ***Dan kjarament ma jfissirx illi jekk ikun hemm xi wahda minn dawn ir-rekwiziti nieqsa volutament <u>jew ghax l-informazzjoni ma tkunx facilment accessibbli lill-ufficjal ezekutur</u>, in-notifika nfisha tkun invalida u bla effett fil-ligi. Il-fatt li l-att ikun gie ricevut minn persuna notificanda skond il-ligi seta' jigi stabbilit b'mod iehor, anke indipendentament, mill-kontenut tar-riferta****." [enfazi u sottolinear tas-socjeta' esponenti]*

18. *ILLI, di fatti, is-socjeta' esponenti hi tal-fehma umli li l-argument tar-rikorrenti kontenut fil-paragrafu 8(iv) tar-rikors tieghu illi "…il-procedura hi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita", hija skorretta wkoll. Dan qieghed jinghad in vista tad-dicitura tal-Artikolu 188(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi li "[k]ull riferta msemmija fis-subartikolu (1) ghandha ssir bil-mod preskritt mir-registratur, li jista' jordna wkoll li formula jew formuli stampati, ittimbrati jew xort'ohra preparati jigu wzati ghal hekk." Dan il-provvediment jikkonferma illi l-kontenut ta' riferta, fih innifsu, m'huwiex regolat minn provvediment specifiku tal-ligi illi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kif jidher illi qieghed jipprova jargumenta r-rikorrent. Dan, fil-fatt hu dettat mir-registratur tal-Qrati u mhux direttament mil-legizlatur.*

*B'zieda ma' dan, irid jinghad ukoll illi, skond it-taghlim kontenut fis-sentenza sucitata:*

*"…s-subinciz 1 tal-Artikolu 188 strettament ma japplikax ghall-kaz fejn in-notifika ssir permezz tal-procedura tal-posta imma kienet tapplika qabel xejn fil-kaz fejn l-ufficjal inkarigat ikun personalment dirett biex jaghmel in-notifika tal-att u fejn kien allura hu personalment responsabbli biex jirrelata lill-Qorti l-informazzjoni kollha fir-rigward tal-operat tieghu biex isegwi d-direttivi lilu moghtija biex jassigura n-notifika tal-att. Fil-kaz taht ezami, kif inghad, il-process tannotifika kien permezz tal-procedura tal-posta u dan jidher li hu regolat mis-subinciz 8 tal-Artikolu 187 li jghid illi "bla hsara ghaddisposizzjonijiet tal-Artikolu 193 (…..) in-notifiki jistghu wkoll isiru minn ufficjali tal-posta b'dak il-mod u skond dawk ir-regoli ikunu konformi bir-regolamenti postali skond kif il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' jordna f'avviz fil-Gazzetta".*

19. *ILLI, kif diga' nghad, l-iskop tar-riferta huwa semplicement dak illi jissodisfa lill-Qorti illi l-intimat fil-proceduri in kwistjoni ikun, fil-verita', gie notifikat skond il-ligi. Ghaldaqstant, sakemm dan il-fatt ikun jista' jigi*

*accertat minn provi cirkostanzjali ohra, argumenti relatati ma' xi forma ta' konvenzjonizmu konnessa mar-riferta nfisha huma superfluwi.*

20. *ILLI, b'zieda mas-suespost, ghall-finijiet ta' kompletezza, xorta wahda irid jinghad illi, <u>l-ittra ufficjali in kwistjoni, effettivament, giet imqassma fir-residenza tar-rikorrenti</u> **<u>nhar is-sitta (6) ta' Settembru, 2012</u>**, u dan kif jirrizulta mid-dettalji riportati fis-sit elettroniku tal-Maltapost p.l.c (<u>http://trackandtrace.maltapost.com/TrackAndTrace.asp</u>) (ara d-dokument hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. VF 2'**). Dan, fih innifsu, ghandu jissodisfa l-ilmenti tar-rikorrenti relatati man-nuqqas ta' indikazzjoni tad-data preciza meta l-ittra ufficjali tqassmet fir-residenza tar-rikorrenti.*

21. *ILLI fid-dawl tas-suespost, is-socjeta' esponenti hija tal-fehma umli illi, bl-ebda mod, ma jista' jigi argumentat b'success illi "**li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss**" kif, fil-verita', jehtieglu jipprova r-rikorrenti sabiex jillegittima t-talbiet tieghu a tenur tal-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

22. *ILLI, fil-fatt, hawn ma ghandniex kaz fejn r-rikorrenti jista' legittimament jghid illi ma "kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss", izda, a contrario, ghandna sitwazzjoni fejn, effettivament, gie notifikat biha kif tirrikjedi l-ligi procedurali taghna. Permezz tal-linja ta' argumentazzjoni tieghu, r-rikorrenti qieghed, b'mod lampanti, jipprova jahrab min dak illi, effettivament huwa obbligat li jaghmel, u cioe' li jhallas ghal servizz li rcieva mis-socjeta' esponenti, u dan, semplicement, minhabba l-fatt illi l-pustier, bi zvista, ma kitibx id-data ta' meta tali ittra giet konsenjata fl-indirizz fejn jirrisjedi. Bid-dovut rispett, jinghad illi dan jikkostitwixxi attentat car da parti tar-rikorrenti sabiex jizvija lil din l-Onorabbli Qorti minn sensiela ta' fatti cari u inekwivoci illi ma jhallu l-ebda dubju illi r-rikorrenti, fil-verita', gie notifikat kif titlob il-ligi procedurali taghna;*

23. *ILLI, ghar-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent fil-paragrafu tnax (12) tar-rikors tieghu li "…l-ittra ufficjali hija mplicitament nulla u bla ebda effikacja guridika", jigi rilevat illi r-rikorrenti qieghed jikkonfondi d-distinzjoni bejn argumenti relatati ma' allegati irregolaritajiet konnessi man-<u>notifika</u> ta' ittra ufficjali intavolati a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u argumenti relatati man-nuqqas ta' xi wahda jew iktar mir-rekwiziti essenzjali ghall-<u>validita'</u> ta' tali ittri, liema difetti kjarament ma jirrizultawx.*

24. *Illi, ghaldaqstant, fl-opinjoni umli tas-socjeta' esponenti, t-tieni talba tar-rikorrenti, kif arginata fuq l-Artikolu 98 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija destinata sabiex tfalli wkoll.*

25. *Illi din il-Qorti ghandha tara u tapprezza li, fir-realta', r-rikorrenti ma huwiex qieghed jilmenta li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) **<u>IZDA</u>** qieghed jilmenta biss – cioe' qieghed jipprova jiggranfa mal-fatt – li l-pink card ma fihiex id-data **<u>ta' meta huwa ircieva l-ittra ufficjali</u>** <u>– fatt dan (cioe' li huwa rcieva l-ittra ufficjali), ammess minnu kif diga rajna</u>. Di fatti, fl-ahjar ipotesi ghalih, it-terminu ta' tletin (30) gurnata bdew jiddekorru mid-data tar-riferta ta' l-ufficjali ezekuttiv, u cioe' mill-10 ta' Settembru, 2012. L-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva wara t-tletin (30) gurnata li tistipula l-ligi. Il-Qorti ghandha tara, ghalkemm forsi mir-rikors xi ftit kopjuz tieghu, dan il-fatt ir-rikorrenti jipprova jitilfu, - li **<u>huwa rcieva l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>** – u li ghalhekk, **<u>l-iskop uniku tieghu permezz ta' dawn il-proceduri huwa li jipprova jistultifika u jdewwem l-gbir ta' flejjes dovuti minnu lis-socjeta' intimata</u>**. Fil-fatt, ir-rikorrenti mkien ma jghid fir-rikors tieghu li huwa **<u>ma rceviex</u>** din l-ittra ufficjali jew li l-membri tal-familja tieghu li rcevew dan l-att ma ghaddewlux tali ittra. Huwa qieghed jipprova jiggranfa biss mal-fatt tan-nuqqas ta' data fuq il-pink card u xejn aktar. Dan il-fatt, kif diga' rajna, ma huwiex tali li jrendi l-ittra ufficjali in kwistjoni bhala wahda nulla u ineffikaci, jew, li meta giet reza ezekuttiva, din ma setghetx tigi hekk reza.*

26. *ILLI, ghar-ragunijiet suesposti, kif ukoll dawk illi jistghu jigu dedotti waqt is-smigh tar-rikors odjern, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrih."*

Rat in-nota ta' Nathan Darmanin li giet prezentata fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2013 li permezz taghha huwa ezebixxa:

1. *"kopja informali tas-sentenza "**Maltacom p.l.c. vs. Emanuel Vella**" (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001) citata mis-socjeta' Vodafone Malta Limited fir-risposta taghha datata 22/04/2013, sabiex jirrileva:*

*a. Li l-materja diskussa f'dawk il-proceduri kienu toto coelo differenti minn dawk tal-proceduri odjerni, peress li f'dawk il-proceduri kien giet trattata l-effikacja ta' notifika ai finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni u mhux, bhal f'dan il-kaz, minn meta debitur jibda' jiddekorri kontrih terminu qasir u perentorju kif stabbilit fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b. Li fiz-zmien dawk il-proceduri gew applikati biss l-Artikolu 187 u 188 tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta peress li r-riferti u n-notifiki ta' l-ittra ufficjali mertu ta' dawk il-proceduri sehhew kollha qabel l-introduzzjoni ta' l-Avviz Legali 132 ta' 1995 (dahla fis-sehh tkun 1 ta' Ottubru, 1995) u dan a bazi tal-massima "tempus regit actum". Fil-kaz odjern enfazi ghandha titwaddab fuq tali Avviz Legali (L.S. 12.12 intitolata "REGOLI DWAR IN-NOTIFIKI TA' ATTI GUDIZZJARJI BIL-POSTA") li jiddisponi precizament (u fl-imperattiv) kif isehhu notifiki tramite s-servizz postali.*

2. *kopja informali tas-sentenza "**Elmo Insurance Services Limited vs. Carmel sive Charles Mangion**" (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005) citata mis-socjeta' Vodafone Malta Limited fir-risposta taghha datata 22/04/2013, sabiex jirrileva:*

*a. li l-materja diskussa f'dawk il-proceduri kienu tot coelo differenti minn dawk tal-proceduri odjerni, peress li f'dawk il-proceduri kien giet trattata l-effikacja ta' notifika ai finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni u mhux, bhal f'dan il-kaz, minn meta debitur jibda' jiddekorri kontrih terminu qasir u perentorju kif stabbilit fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti fis-sentenza citata hemm ritenut hekk: "Haga naturali l-kontenut ta' l-ittra ufficcjali wahdu ma jibbastax u ma jservi ghal xejn jekk l-att ma jigix notifikat lill-kontroparti ghaliex dan hu proprju li jservi ghall-iskop tal-**<u>fatt kostituttiv ta' l-interruzzjoni</u>**."*

3. *Kopja informali tas-sentenza "**Anthony Grech vs. Christian Lund**" (Appell Inferjuri, 26 ta' April, 2012) li, inter alia, turi kif meta l-ittra ufficjali (titolu ezekuttiv) ottenut taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta tkun bla ebda effikacja, l-ebda att successiv ma jkun validu. Fil-kaz citat, l-ittra ufficjali kienet datata 7 ta' Mejju, 2007 (u allegatament notifikata fl-10 ta' Mejju 2007), il-mandat ezekuttiv ta' qbid gie sussegwentement notifikat lid-debitur fit-28 ta' Jannar, 2008 filwaqt li l-proceduri tressqu fis-17 ta' Marzu, 2010 (cioe' 780-il gurnata wara notifika tal-mandat ezekuttiv, ossija sentejn, xahar u 18-il gurnata wara tali notifika d-debitur ressaq rikors in kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv/ittra ufficjali).*

4. *Kopja informali ta' l-**A.L. 132 ta' l-1995** msejjha "Regoli ta' l-1995 dwar in-Notifika ta' Atti Gudizzjarji bil-Posta" li dahlu in vigore fl-1 ta' Ottubru, 1995"*

Rat in-nota tas-socjeta' Vodafone Malta Limited li giet prezentata fis-6 ta' Mejju 2013 li permezz taghhom ipprezentat:

**Dok. VF 1**:- Kopja legali tal-ittra ufficjali bin-numru 1818/12, datata tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), fl-ismijiet Vodafone Malta Limited -vs- Nathan Darmanin, intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra giet reza ezekuttiva nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru 2012.

**Dok. VF 2**:- Kopja legali tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 496/2013.

**Dok. VF 3**:- Kopja legali tac-cedola ta' depozitu bin-numru 541/13.

**Dok. VF 4**:- Kopja legali tac-cedola ta' depozitu bin-numru 644/13.

**Neil Darmanin** xehed fis-6 ta' Mejju 2013 fejn gie muri kopja legali ta' ittra ufficjali li giet mibghutha lil Nathan Darmanin nhar it-3 ta' Settembru 2012 immarkata bhala Dok. VF1. Huwa spjega li fuq il-parti ta' wara ta' din l-istess ittra ufficjali hemm fotokopja ta' *pink card* li fuqha hemm il-firma tieghu u n-numru tal-karta tal-identita' tieghu li huwa 485295. Huwa kkonferma wkoll li huwa jigi hu Nathan Darmanin. **Ix-xhud iddikjara li meta huwa rcieva din l-ittra huwa hadha minghand il-pustier u tefaghha fuq il-mejda**. (sottolinear u enfazi tal-Qorti).

**Nadia Micallef** xehdet fis-6 ta' Mejju 2013 fejn saritilha referenza ghal *pink card* esebita fl-atti annessa mad-dokument VF1 u qalet li hija kienet il-pustier li ghamlet id-*delivery* tal-ittra lil certu Neil Darmanin detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 485295 u dan sar f'Settembru 2012. Fuq dan id-dokument ma hemmx id-data ghalkemm ix-xhud taf li sar f'Settembru. Hija qalet dan ghax il-firmatarju ffirma fuq *sticker* li huma jzommu kopja taghha. Fil-fatt stqarret li hemm ir-rapprezentant tal-ufficju legali taghhom biex jixhed dwar dan. Hija spjegat li meta jkollhom din l-i*sticker*, hdejha jkun hemm il-firma tal-pustier u d-data.

**Carmen Scerri Lautier** xehdet fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjarat li hija tahdem fl-ufficju legali tal-Maltapost. Hija esebiet kopja tad-*delivered registered postal article sheet* taghhom li ggib id-data tas-6 ta' Settembru 2012. Hija qalet li l-operatur postali kienet Nadia. Fuq dan id-dokument hemm firma ND li huwa simili ghal dak fuq il-*pink card* tal-ittra ufficjali fejn hemm miktub Neil Darmanin. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. D. Ix-xhud esebiet ukoll kopja ta' *track and trace* tal-ittra

rregistrata li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. X. Hemmhekk hemm ukoll it-*track record* ta' meta telqet l-ittra u meta waslet fid-destinazzjoni taghha. Huma jirritornaw il-Qorti l-*pink card* biss. Hija spjegat li jzommu kopja ta' dawn id-dokumenti li ezebiet fil-post office.

**Carmel Farrugia** xehed fis-6 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala purtier il-Qorti. Huwa spjega li kienipprezenta l-*pink card* tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Settembru 2012 kontra Nathan Darmanin f'dawn l-atti. Huwa gharaf it-timbru tieghu li hemm fid-dokument immarkat bhala Dok. VF1. Ix-xhud spjega li huma jiehdu d-data tal-pustier biex ikunu jafu meta d-destinatarju jkun gie notifikat. F'dan il-kaz m'hemmx data u ghalhekk peress li huma marbutin bit-terminu, ma jnizzlu l-ebda data ta' xejn. Dan ghax is-soltu jkun hemm tletin jum minn meta l-individwu jkun gie notifikat u peress li ma hemmx data meta gie notifikat huma ma jiktbu xejn. Huwa stqarr li f'dan il-kaz il-*pink card* tigi ritornata lill-qorti, huma jghadduha lill-iskrivana u tkun hi li ddahhalha fis-sistema tal-kompjuter. F'dan il-kaz ma kienx hemm data u ghalhekk l-iskrivana ma nizzlet xejn. Huma ma jattirawx l-attenzjoni tal-avukat li jkun iffirma l-att dwar dan in-nuqqas. Dan peress li hemm is-sistema kompjuterizzata fejn jista' jaraha hu stess. Fil-fehma tax-xhud, peress li ma hemmx data t-terminu ghadu ghaddej u l-att irid jerga' jinhareg mill-gdid ghan-notifika. It-terminu ghadu ghaddej peress li m'hemmx data fuq il-*pink card* u ghalhekk ma jafux meta effettivament id-destinatarju rcieva dan l-att.

Ikkunsidrat:

L-ewwel pregudizzjali li din il-Qorti jehtigielha li tinvestiga hija dik msemmija fir-risposta tas-socjeta' intimata ghar-rikors tar-rikorrenti minnha mressqa fit-22 ta' April, 2013. Is-socjeta' intimata tghid li r-rikors odjern gie mressaq fuori termine u dan peress li "*... tali rikors gie ntavolat wara illi kien diġà ddekorra u skada t-terminu ta' ghoxrin (20) ġurnata kontemplat fl-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*" (fol. 23).

L-artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra testwalment hekk:

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta’ rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ,* ***li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu****, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B’dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*
(sottolinear u enfazi tal-Qorti).

Mela dan is-subartikolu jaghti dritt ta’ appell lid-debitur minn decizjoni li jkun ha r-Registratur tal-Qorti bis-sahha ta’ l-Artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddikjara tali ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 bhala wahda li giet reza ezekuttiva.

Dan id-dritt ta’ appell ghandu terminu perentorju ta’ ghoxrin gurnata “*…minn l-ewwel notifika li ssirlu* (lid-debitur) *ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu*”.

F’dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 166B tal-Kapitolu 12 li jaqra testwalment hekk:

***166B.*** *(1) Ittra uffiċjali maħruġa skont l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv sakemm ma tkunx ġiet reġistrata skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu li għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta’ dawk l-ittri uffiċjali bħala titoli eżekuttivi.*

*(2) L-applikant għar-reġistrazzjoni ta’ ittra uffiċjali li tkun tikkwalifika bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti kopja legali tal-ittra uffiċjali, inkluża l-prova tan-notifika u kopja ta’ kull risposta li tkun ġiet riċevuta għaliha jekk ikun hemm.*

*(3) Meta jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir-Reġistratur għandu jeżamina d-dokumenti ppreżentati, jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta’ tweġiba fiż-żmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu, huwa għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f ’reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta’ Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet tal-artikolu 166A.*

Ghalhekk, skond is-sub-artikolu 3 ta’ l-artikolu 166B tal-Kapitolu 12, ir-Registratur tal-Qorti:

(i) ghandu jeżamina d-dokumenti ppreżentati (skond ma jindika s-sub-artikolu 2 tal-Art. 166B tal-Kap. 12);

(ii) ghandu jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta’ tweġiba fiż-żmien stipulat;

u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu,

(iii) għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f’reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta’ Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet tal-artikolu 166A.

Wara li tkun giet segwita din il-procedura, ir-Registratur jghaddi biex jiddikjara li dik l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 titqies bhala titolu esekuttiv.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti ta’ din il-kawza jirrizulta li l-ittra ufficjali numru 1818/12 datata 3 ta’ Settembru, 2012 fl-ismijiet ‘Vodafone Malta Limited vs Nathan Darmanin’ giet reza ezekuttiva fit-23 ta’ Ottubru 2012 (fol. 90).

Fl-appell li talvolta jista’ jintavola quddiem din il-Qorti d-debitur dwar titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, huwa jista’ jitlob li dak l-istess titolu ezekuttiv jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett wara li jissodisfa lill-Qorti:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):

Ovvjament, dan l-appell bit-talbiet hawn fuq indikati ghandu jigi intavolat, kif diga inghad ***“fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu”*** (sottolinejar u enfazi tal-Qorti).

Ghalhekk, hija l-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti li galadarba jghaddi dan it-terminu perentorju ta’ ghoxrin (20) gurnata minn l-ewwel notifika li ssir lid-debitur ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, l-istess debitur ma jistax juzufruwixxi minn dan l-artikolu tal-ligi sabiex jattakka l-validita ta’ dak it-titolu ezekuttiv[1]. Jista’ jkun li jkollu rimedju taht il-ligi generali, pero’ taht dan l-artikolu partikolari, fil-fehma tal-Qorti, dan id-dritt jispiccalu.

Ir-rikorrenti jghaddi biex jiccita sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta’ April, 2012 fl-ismijiet **Anthony Grech vs Christian Lund**

[1] Ara f’dan ir-rigward is-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Zwack-Wandrey vs In-Sight Limited** deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta’ Jannar, 2011 (mill-Magistrat Dott. Gabriella Vella) u **Vincent Borg vs Shaun Risiott** deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta’ Awwissu, 2011 (mill-Magistrat Dott. Gabriella Vella)

in sostenn tat-tezi tieghu li "*meta l-ittra ufficjali (titolu ezekuttiv) ottenut taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta tkun bla ebda effikacja, l-ebda att successiv ma jkun validu*" (fol. 54). Dik l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza taghha ddikjarat li l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

"… *lanqas tista tigi kkunsidrata bhala titolu esekuttiv anke fil-kuntest tal-Artikolu 166A tal-Kap.12* ***u dan ghaliex tali ittra ufficjali lanqas giet registrata skond kif indikat fl-artikolu 166B u ghalhekk lanqas tikkostitwixxi titolu esekuttiv abbazi tal-imsemmi artikolu 166A (5) tal-Kap. 12****. Fil-fatt tali registrazzjoni setghet issir biss jekk ir-Registratur tal-Qorti jara li tali ittra ufficjali harget skond il-Ligi u saret id-debita notifika, li ma huwiex il-kaz ghaliex l-ittra ufficjali harget meta l-appellat kien barra minn Malta kif jirrizulta mir-riferta tal-istess ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 2007 li taqra testwalment li tali ittra ufficjali thalliet "f'idejn Ercon Simpleh … (Gejt informat minn Ercon Simpleh li Christian Lund jinsab imseifer) (Dok. "B" – fol. 18) u kif inghad jirrizulta li n-notifika lanqas biss saret*" (fol. 84) (sottolinejar u enfazi ta' din il-Qorti).

Kompliet tghid l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell:

"*Illi dan ifisser allura li t-terminu indikat fl-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 ma kienx japplika ghaliex ma kien hemm ebda titolu esekuttiv, u dan peress li sabiex l-ittra ufficjali tigi kkunsidrata bhala tali kellha tkun registrata skond l-artikolu 166B tal-Kap. 12, u allura t-terminu ndikat fl-istess artikolu ma setghax jibda jiddekorri proprju ghaliex tali ittra ufficjali ma kienitx tikkostitwixxi "Titolu esekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu …", la darba tali ittra ufficjali lanqas gie ppruvat li giet registrata abbazi tal-artikolu 166B tal-Kap. 12 li jipprovdi li "iitra ufficjali maghmula skond l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu esekuttiv sakemm ma tkunx giet registrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli esekuttivi". **Huwa ghalhekk** allura li tali terminu indikat fl-artikolu 166A tal-Kap. 12 ma huwiex applikabbli ghall-*

*appellat, u dan ghaliex ma huwiex applikabbli ghall-appellat, u dan ghaliex ma hemmx it-titolu esekuttiv hemm indikat fil-ligi*" (fol. 84) (sottolinejar u enfazi ta' din il-Qorti).

Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa totalment differenti mill-kaz li kellha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell quddiemha fil-kaz citat mir-rikorrenti odjern.

F'dak il-kaz, ir-Registratur tal-Qorti ma kienx iddikjara li dik l-ittra ufficjali giet reza esekuttiva a tenur tal-Artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u jekk kien ghamel hekk, dik l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma kellhiex prova ta' dan. **Kien ghalhekk** li t-terminu ta' ghoxrin (20) jum indikat fl-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 ma kienx applikabbli ghax ma kien hemm l-ebda titolu esekuttiv kif irid dak l-Artikolu tal-Ligi.

Fil-kaz odjern, hemm dikjarazzjoni tar-Registratur tal-Qorti li din l-ittra ufficjali, mertu tar-rikors odjern, giet reza ezekuttiva fit-23 ta' Ottubru, 2012 (fol. 90) u konsegwentement dik l-ittra ufficjali saret titolu ezekuttiv skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12. Ghalhekk l-argumenti maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Grech vs Lund** ma humiex applikabbli ghal kaz odjern u dan kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrenti fin-nota tieghu (fol. 54).

Galadarba f'dan il-kaz, l-ittra ufficjali li dwarha sar ir-rikors odjern giet reza ezekuttiva mir-Registratur tal-Qorti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement saret titolu ezekuttiv, allura biex jattakka dik id-decizjoni, id-debitur kien jehtieglu li jressaq rikors quddiem din il-Qorti ***"fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu"*** u dan skond ma hemm pprovdut fl-artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Issa f'dan il-kaz, ir-rikorrenti gie notifikat b'cedola ta' depozitu numru 541/13 wara l-hrug tal-mandat ta'

sekwestru numru 496/13 (li ma giex notifikat lir-rikorrenti – ara tergo ta’ fol. 95) fit-22 ta’ Marzu, 2013 (fol. 98). Din ic-cedola ta’ depozitu saret a bazi tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mis-socjeta’ intimata fis-27 ta’ Frar, 2013 (fol. 94), liema mandat ta’ sekwestru sar a bazi tal-ittra ufficjali bin-numru 1818/12 maghmula taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (fol. 94). Ma huwiex dubitat li cedola ta’ depozitu mressqa fir-Registru ta’ din il-Qorti tikkwalifika bhala att gudizzjarju. Ghalhekk, din ic-cedola tikkwalifika bhala “*att gudizzjarju iehor msejjes fuq dak it-titolu*”.

Ghalhekk it-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata bdew jiddekorru mill-ghada tan-notifika taghha u cioe’ mill-21 ta’ Marzu, 2013. B’hekk, ir-rikorrenti kellhu sal-10 ta’ April, 2013 sabiex jressaq ir-rikors tieghu a tenur ta’ l-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Harsa lejn it-timbru li hemm fuq l-ewwel faccata tar-rikors mressaq mir-rikorrenti odjern tindika d-data tal-15 ta’ April, 2013 (fol. 1). L-istess data hija ndikata fit-timbru tal-prezentata fuq l-ahhar faccata tar-rikors (fol. 8).

Il-Qorti tirrileva li meta l-ligi tippreskrivi li certi atti ghandhom isiru f’ certi termini, dawk it-termini, in kwantu perentorji, ghandhom jigu osservati ad unguem, ghax, fin-nuqqas, dak l-att ma jistax jitqies ritwali u jitqies li ma giex ipprezentat. L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta’ irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizulta lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio. In-nullita` ta’ l-att, ghax ma jigix ipprezentat fit-terminu stabbilit mil-ligi tattakka l-att fih innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza ‘**Stephen Vella et vs Bollicine Limited et’** deciza fid-9 ta’ Jannar, 2008:

"*Jista' jkun talvolta jikkorrispondi ghal veru dak tal-presumibbli gustifikazzjoni l-ghala s-socjeta` kjamata in kawza naqset milli tidher biex twiegeb ghall-mistoqsija posta lilha in subizzjoni. Jista' wkoll tezisti raguni ohra serja l-ghala s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2005 ghandha titwarrab. Dan, pero`, hu diskors iehor, gjaladarba qed jitqies li l-appell sottomess lil din il-Qorti minn din is-socjeta` mhux ritwalment propost fit-terminu utli ta' ghoxrin jum imma biss sena wara (23 ta' Ottubru 2006)*"

Mill-provi jirrizulta ampjament ippruvat li r-rikors odjern tressaq tardivament (b'hamest ijiem) mir-rikorrenti u konsegwentement din il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li tiddikjara l-istess bhala li gie pprezentat *fuori termine*. Galadarba l-Qorti qieghda tilqa; l-ewwel pregudizzjali tas-socjeta; intimata, ma huwiex il-kaz li hija tidhol biex tezamina r-rikors u r-risposta fuq l-aspetti l-ohra mqanqla minnhom.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kaz billi tiddikjara r-rikors intavolat mir-rikorrenti fil-15 ta' April, 2013 null in kwantu gie pprezentat *fuori termine* u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------